*14 ta' Awwissu, 2011*

**KJARIFIKA MILL-KURJA**

Fl-ewwel paġna tal-ħarġa tal-ġurnal l-Orizzont, tas-Sibt 13 ta' Awwissu 2011, ppublikajt titlu ta' rapport li jgħid: "Il-Knisja lesta tagħti kumpens". Dan it-titlu jagħti stampa żbaljata ta' dak li ntqal. Tant hu veru li mkien fl-istess rapport m'hemm xi ħaġa li tindika dak li jgħid it-titlu. Ir-rapporti fil-ġurnali l-oħra kollha wkoll ma jgħidux dak li jgħid it-titlu tal-gazzetta tiegħek.

Infakkfrek f'dak li qal l-Arċisqof Pawlu Cremona meta ġie mistoqsi mill-ġurnalisti dwar il-possibilita' ta' kumpens, fi tmiem il-laqgħa li l-vittmi ta' abbuż kellhom mal-Arċisqof nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu 2011: "Huma (*il-vittmi*) permezz tal-Avukat, Dr Valentino, talbu laqgħa magħna. F'dik il-laqgħa aħna ser nitkellmu u naraw ftit bejnietna."